**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU ĦMISTAX**

**10 ta' AWWISSU, 2015**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Marilyn Sammut u Kevin Sam Farrugia.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

IĊ-Chairperson Pierre Farrugia presieda l-laqgħa.

**15.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

15.1.1 B'referenza għall-ilment li joqgħod l-ilma fi Triq Dun Gejt Muscat k/m Triq Dun Nard Mallia, ċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li hu flimkien mal-membru Marilyn Sammut kellhom laqgħa ma' rappreżentant tal-Perit Lewis u mal-Kuntrattur Schembri, fuq il-post. Il-perit li attendiet issuġġeriet li jsir survey tal-post u x-xogħol meħtieġ isir skond is-survey.

Kien hemm qbil li tintalab stima tas-survey u hekk kif il-Kumitat Amministrattiv ikollu l-istima f'idejh, jerġa jiddiskuti l-każ.

15.1.2 Fir-rigward ta' punt 14.3.1 fejn jirrigwardja x-xelter ta' Misraħ Santa Marija, kien hemm qbil li tintbagħat reminder lill-Onorevoli Stefan Buontempo fir-rigward ta' talba ta' għajnuna mingħandu.

15.1.3 Fir-rigward ta' xogħol ta' soft areas u ġonna kien hemm qbil li ma kienx hemm progress fix-xogħol mill-Kumpanija Wastecollection Ltd.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat Amministrattiv li kellha ssir laqgħa li ntalbet mill-istess kumpanija imma tali laqgħa kienet ikkanċellata minnhom stess. F'din il-laqgħa l-kumpanija kellha tkun rappreżentatha mill-avukat tagħha.

Kien hemm qbil li l-każ jeħtieġ li jkun diskuss fis-seduta tal-Kunsill ukoll.

15.1.4 Ġew approvati l-minuti tal-erbatax -il seduta ta' din il-leġislatura.

***15.2 Ilmenti u suġġerimenti***

15.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li d-Dipartiment tal-Gvern lokali ħareġ kriterji ġodda fejn jidħlu attivitajiet kulturali. Hu żied jgħid li f'attivitajiet oħra jekk l-attivitajiet ma jitmexxux skond il-proċeduri, l-fondi għalihom ma jingħatawx.

15.2.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-Enemalta approvat shifting ta' lampa fi Triq Zakkarija Ronkali.

Kien hemm qbil li titwaħħal lampa ġdida fejn ser isir ix-shifting u titneħħa l-oħra hekk kif il-bozza l-ġdida jkollha d-dawl imqabbad.
Dan kollu biex ma jkunx hemm ġranet li l-akwata tispiċċa bla dawl.

15.2.3 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li ġie avviċinat mis-Sur J Buhagiar B.Ed.Hons li għamel it-tesis tiegħu fis-sena 1988 fuq Bubaqra. Iċ-Chairperson issuġġerixxa li l-materjal jiġi ppubblikat fi ktieb u jkun l-ewwel ktieb li jkun ippubblika l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra.

Is-Segretarju Eżekuttiv intalbet tiġbor kwotazzjonijiet fir-rigward.
Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

15.2.4 Il-Viċi Chairperson Marija Schembri ġibdet l-attenzjoni li l-ħaxix mit-triq tagħha għadu ma nqatax.
Kien hemm qbil li tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur.

15.2.5 Il-membru Joseph D'Amato ssuġġerixxa li jsiru double yellow lines fil-kantunieri – Triq Dun Nard Mallia ma' Triq Dun Gejt Muscat u ma' Triq San Martin.
Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax xogħol.

15.2.6 Il-membru Kevin Sam Farrugia ssuġġerixxa li jsiru parking bays u yellow lines fejn meħtieġ fi Triq il-Luq, minħabba li sidien ta' ċertu garaxxijiet qed isibuha diffiċli ħafna biex joħorġu mill-garaxx minħabba vetturi li jkunu pparkjati.

Kien hemm qbil li tinħareġ l-ordni għax-xogħol.

***15.3*** ***Appuntament għas-Seduta li jmiss***

15.3.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-7.15pm u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tnejn 14ta' Settembru, 2015 fil-5.30pm

Konfermati, illum ___ ta' Settembru, 2015

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**